MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2024

Appell Inferjuri Numru 7/2011 LM

**Untours Insurance Agents Ltd għal Q.I.C.I. bħala surrogati fid-drittijiet tal-assikurat tagħhom Anthony Lia skont comprehensive policy of Insurance u l-istess Anthony Lia**
*('l-appellati')*

***vs.***

**Rock Cut Ltd** *('l-appellanti')*
**u Transport Malta**

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà konvenuta **Rock Cut Ltd (C 10164)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'], mis-sentenza mogħtija fit-22 ta' Frar, 2023 [minn issa 'is-sentenza appellata'] mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-Ewwel Qorti'], li ddeċidiet it-talbiet tal-atturi **Untours**

**Insurance Agents Ltd għal Q.I.C.I. bħala surrogati fid-drittijiet tal-assikurat tagħhom Anthony Lia skont comprehensive policy of Insurance u l-istess Anthony Lia** [minn issa 'l quddiem 'l-appellati'] kontra s-soċjetà konvenuta u l-konvenuta Transport Malta, kif ġej:

> *"Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:*
>
> 1. *Tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta;*
> 2. *Tilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi Untours Insurance Agents Ltd u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi Untours Insurance Agents Ltd is-somma ta' tlett elef, disa' mija u disgħin Euro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€3,990.85);*
> 3. *Tilqa' t-talba ta' Anthony Lia u għalhekk tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lil Anthony Lia s-somma ta' wieħed u tmenin Euro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€81.53);*
> 4. *L-imgħax fuq iż-żewġ ammonti għandhom jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali datata 18 ta' Novembru, 2009 lis-soċjetà konvenuta, sad-data tal-pagament effettiv;*
> 5. *L-ispejjeż tal-entità konvenuta Transport Malta – li kienet ġiet liberata mill-osservanza tal-ġudizzju b'sentenza ta' din il-Qorti, diversament preseduta, mogħtija fil-25 ta' Ġunju, 2012 – in konnessjoni ma' dawn il-proċeduri, għandhom jiġu subiti mill-atturi;*
> 6. *L-ispejjeż l-oħra in konnessjoni ma' dawn il-proċeduri, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali datata 18 ta' Novembru, 2009, għandhom jitħallsu mis-soċjetà konvenuta."*

## <u>Fatti</u>

2. L-atturi istitwew dawn il-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti, fejn talbu li l-konvenuti jiġu ordnati jħallsu l-ammont ta' erbat elef, u tnejn u sebgħin Euro u tmienja u tletin ċenteżmu (€4,072.38ċ) dovuti minnhom jew min minnhom b'rabta ma' *claim* magħmula mill-atturi wara li Francis Gatt, li kien qiegħed isuq il-vettura Toyota Corolla bin-numru tar-reġistrazzjoni KBH 695, irreġistrata fuq

Anthony Lia, u kienet assigurata mas-soċjetà attriċi, spiċċat f'munzell terrapien li tħalla mill-konvenuti f'nofs it-triq mingħajr ebda indikazzjoni jew sinjali tat-traffiku, u b'mod li huwa evidentement ta' perikolu għall-utenti tat-triq. L-atturi talbu wkoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali tat-18 ta' Novembru, 2009, kontra s-soċjetà konvenuta Rock Cut Ltd, inkluż l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali tat-18 ta' Novembru, 2009.

3. Is-soċjetà konvenuta Rock Cut Limited wieġbet li t-talbiet tal-atturi fil-konfront tagħha, huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan għaliex hija ma kellha l-ebda responsabbilità għall-inċident in kwistjoni.

4. Il-konvenuta Awtorità Transport Malta eċċepiet li, in linea preliminari, hija mhijiex leġittima kontradittriċi peress li hija m'għamlet l-ebda xogħlijiet fit-triq in kwistjoni, u lanqas ma kienet l-entità li inkarigat lis-soċjetà Rock Cut Limited teżegwixxi l-imsemmija xogħlijiet. Żiedet tgħid li t-triq in kwistjoni, Triq San Leonardu, ġewwa Ħaż-Żabbar, ma taqax taħt ir-responsabbilità tagħha għaliex din mhijiex triq arterjali iżda triq distributorja, u għalhekk hija għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju. Il-konvenuta Awtorità Transport Malta eċċepiet ukoll li t-talbiet tal-atturi huma intempestivi għaliex huma qatt qabel ma ressqu xi tip ta' ilment jew korrispondenza quddiemha, u għalhekk fi kwalunkwe każ, huma għandhom ibatu l-ispejjeż kollha tal-kawża. Il-konvenuta Awtorità Transport Malta eċċepiet ukoll li t-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt għaliex hija mhijiex l-entità responsabbli għal kwalunkwe danni allegati u pretiżi mill-atturi, u hija m'għandha tagħmel tajjeb għall-ebda ammont kif mitlub. Qalet ukoll li t-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u dawn għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż, għaliex Anthony Lia għandu

jinżamm responsabbli minħabba negliġenza, imperizja, u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti.

## Is-Sentenza Appellata

5. Permezz tas-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti ddeċidiet li tiċħad l-eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta, filwaqt li laqgħet it-talba tas-soċjetà attriċi u ordnat lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €3,990.85; laqgħet ukoll it-talba ta' Anthony Lia u kkundannat lis-soċjetà konvenuta tħallsu s-somma ta' €81.35, u ddikjarat li l-imgħax fuq dawn l-ammonti għandhom jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali tat-18 ta' Novembru, 2009, sad-data tal-pagament effettiv, filwaqt li ddikjarat li l-ispejjeż ta' Transport Malta għandhom jiġu subiti mill-atturi, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

***"Il-Fatti***

*7. Il-fatti saljenti li taw lok għal dawn il-proċeduri huma s-segwenti:*

*i. Nhar il-15 ta' Marzu, 2009 għall-ħabta tad-9.15pm seħħ inċident fejn il-vettura tat-tip Toyota Corolla bin-numru ta' reġistrazzjoni KBH 695 li kienet misjuqa minn Francis Gatt spiċċat fuq munzell terrapien li kien jinsab fi Triq San Leonardo, Żabbar. (fn. 2 ara x-xhieda ta' warden 136 Carmel Muscat a fol. 60 u Dok. CM2 a fol. 68 tal-proċess). Fiż-żmien tal-inċident il-vettura kienet reġistrata fuq Anthony Lia u kienet assigurata mas-soċjetà attriċi.*

*ii. Irriżulta li sussegwentement kienet saret* claim *fir-rigward ta' dan l-inċident u għalhekk is-soċjetà attriċi inkarigat lis-*surveyor *Philip Attard sabiex iħejji s-*survey *relattiv minn fejn jirriżultaw il-ħsarat sofferti fil-vettura. Mario Mifsud,* motor claims supervisor *mas-soċjetà attriċi, xehed li l-vettura kienet koperta b'polza tal-assigurazzjoni tat-tip* comprehensive *u kkonferma l-prospett tad-danni li jinkludi s-somma ta' €2,894.74 rappreżentanti x-xiri tal-*parts, *is-somma ta' €1,177.64 rappreżentanti l-ispejjeż relatati max-xogħol ta'* panel beating *u* spraying, *u s-somma ta' €81.53 bħala* excess *dovut lil Anthony Lia. (fn. 3 ara f'dan is-sens ix-xhieda ta'*

*Mario Mifsud a fol. 73 tal-proċess, il-prospett tad-danni immarkat bħala Dok. A a fol. 2 u s-*survey report *immarkat bħala Dok. D a fol. 6 tal-proċess)*

*iii. Nicholas Baldacchino,* Legal Support Manager *fi ħdan Transport Malta, xehed li fuq talba ta' Rafel Buttigieg għan-nom tas-soċjetà Rock Cut Limited, l-Awtorità Dwar it-Trasport ta' Malta kienet ħarġet permess sabiex fil-perijodu bejn il-5 ta' Frar, 2010 u l-1 ta' Marzu, 2010 isiru xogħlijiet fi Triq San Leonardu, Żabbar. Dawn ix-xogħlijiet kienu jirrigwardaw tħaffir bħala* air vents *għal sistema tal-ilma li kienet għaddejja taħt l-art, u dan fuq inkarigu tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. (fn. 4 ara x-xhieda ta' Nicholas Baldacchino, a fol. 85 tal-proċess)*

*iv. Duncan Busuttil, Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Żabbar, xehed li ma jirriżultax li s-soċjetà konvenuta kellha permess biex tagħmel xi xogħol fit-triq in kwistjoni fid-data tal-inċident. (fn. 5 ara x-xhieda ta' Dunacn Busuttil a fol. 96 tal-proċess)*

*v. Mario Balzan, perit fi ħdan il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma xehed u kkonferma li fid-data tal-15 ta' Marzu, 2009 is-soċjetà Rock Cut Limited kienet wettqet xogħlijiet fi Triq San Leonardu għan-nom tal-Korporazzjoni minnu rappreżentata. (fn. 6 Ara x-xhieda ta' Mario Balzan a fol. 99 tal-proċess)*

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

*8. Is-soċjetà attriċi, kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha Anthony Lia, qed titlob danni naxxenti minn ħsarat sofferti fil-vettura Toyota Corolla bin-numru ta' reġistrazzjoni KBH 695 b'riżultat ta' inċident li seħħ nhar il-15 ta' Marzu, 2009 meta l-istess vettura spiċċat fuq munzell terrapien li kien jinsab fi Triq San Leonardo, Żabbar.*

*9. Bl-unika eċċezzjoni tagħha, is-soċjetà konvenuta teċċepixxi li ma kellha ebda responsabbilità għall-inċident in kwistjoni.*

*10. L-azzjoni attriċi hi waħda ta'* culpa aquiliana *ibbażata fuq l-Artikoli 1031 sa 1033 tal-Kodiċi Ċivili li jistabbilixxu li kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu, li jitqies fi ħtija min fl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja, u li kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, huwa obbligat li jagħmel tajjeb għall-ħsara li tiġri minħabba f'hekk.*

*11. Mill-provi prodotti jirriżulta li fid-data tal-inċident, is-soċjetà konvenuta kienet qiegħda teżegwixxi xogħlijiet fit-triq in kwistjoni fuq inkarigu mogħti lilha mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. (fn. 7 ara f'dan is-sens ix-xhieda ta' Mario Balzan a fol. 99 tal-proċess). Jirriżulta wkoll li dawn ix-xogħlijiet ma kinux koperti bi-permessi tal-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta u lanqas minn dawk tal-Kunsill Lokali Żabbar.*

*Il-permess li kien inħareġ lis-soċjetà konvenuta mill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta kien relattiv għall-perijodu bejn il-5 ta' Frar, 2010 u l-1 ta' Marzu, 2010, u ċioe madwar sena wara d-data tal-inċident mertu tal-kawża.*

*12. Fit-trattazzjoni tiegħu, l-abbli difensur tas-soċjetà konvenuta ressaq l-argument illi x-xogħol li kienet qed tagħmel is-soċjetà konvenuta ma kienx qiegħed isir fit-triq iżda taħt il-livell tat-triq. Il-Qorti tosserva li dan ma jirriżultax mill-atti proċesswali. F'dan il-każ, is-soċjetà konvenuta ma ressqet ebda provi sabiex tissostanzja din l-allegazzjoni tagħha. Huwa minnu li* onus probandi incubit ei qui dicit non ei qui negat, *madankollu dan ma jfissirx li dan il-prinċipju japplika biss għall-parti attriċi u mhux għall-parti konvenuta. Jekk il-pożizzjoni tas-soċjetà konvenuta kienet li fid-data tal-inċident hija wettqet xogħlijiet taħt il-livell tat-triq u mhux fit-triq, kien jispetta lilha li tressaq provi dwar dan.*

*13. Kif huwa risaput, f'kawżi ta' natura ċivili l-Qorti għandha tgħarbel il-provi prodotti mill-partijiet fuq il-bilanċ tal-probabbiltajiet u l-preponderanza tal-provi. F'dan il-każ, ma hemm l-ebda dubju li l-inċident seħħ konsegwenza tal-fatt li fit-triq in kwistjoni tħalla materjal li kien qiegħed jostakola l-karreġġjata minn fejn kienet għaddejja l-vettura assigurata mis-soċjetà attriċi. Ma jirriżultax li oltre s-soċjetà konvenuta, kien hemm terzi li kienu qegħdin jagħmlu xogħlijiet fl-istess triq fid-data tal-inċident. In oltre, lanqas jirriżulta li kienu ttieħdu xi miżuri protettivi għall-aħjar ħarsien tat-terzi, bħal per eżempju sinjaletika adegwata sabiex jiġi evitat kull periklu lill-pubbliku. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti hija tal-konsiderata fehma li l-atturi rnexxielhom jissodisfaw il-kanoni biex it-talba tagħhom tiġi milqugħa, u dan billi jirriżulta ppruvat in-ness ta' kawżalità bejn l-event dannuż u l-imġiba tas-soċjetà konvenuta.*

*14. Dwar il-quantum tad-danni sofferti, il-ħsara fil-vettura assigurata ġiet iċċertifikata mis-*surveyor *Philip Attard minn fejn jirriżultaw it-tiswijiet li kellhom isiru fuq il-vettura. Jirriżulta li s-soċjetà attriċi ħallset l-ispejjeż relatati ma' dawn it-tiswijiet li jinkludu kemm ix-xiri tal-*parts *u wkoll ix-xogħlijiet ta'* panel beating *u* spraying. *Jirriżulta wkoll li s-soċjetà attriċi ħallset għal dawn it-tiswijiet u li l-attur Anthony Lia ħallas is-somma ta' €81.53 rappreżentanti l-*excess. (*fn. 8 ara x-xhieda ta' Mario Mifsud a fol. 73 tal-proċess u l-prospett tad-danni mmarkat bħala Dok. A a fol. 2).*

*15. Konsegwentement it-talbiet attriċi ser jiġu milqugħa fl-intier tagħhom."*

## L-Appell

6. Is-soċjetà konvenuta ressqet l-appell tagħha mis-sentenza appellata fl-24 ta' Marzu, 2023, fejn talbet lil din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tilqa' l-eċċezzjoni tagħha li t-talba attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt, għaliex l-eċċipjenti ma kellha l-ebda responsabbilità għal dan l-inċident, u konsegwentement tirrespinġi t-talbiet attriċi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati.

7. Is-soċjetà appellanta spjegat li l-aggravju tagħha jirrigwarda l-valutazzjoni skorretta tal-Ewwel Qorti kemm dwar l-oneru tal-prova, kif ukoll dwar il-provi prodotti quddiemha. Spjegat li l-kawża kienet tittratta dwar id-danni sofferti mill-assikurat tas-soċjetà attriċi Anthony Lia, minħabba munzell terrapien li tħalla fi Triq San Leonardo, Ħaż-Żabbar. Is-soċjetà appellanta qalet li l-appellati kellhom mhux biss jippruvaw l-event dannuż, iżda anki n-ness bejn dan l-event u s-soċjetà appellanta, sabiex ikollhom eżitu favorevoli għalihom kontra s-soċjetà appellanta. Qalet li peress li l-inċident seħħ bil-lejl, l-attur Anthony Lia ma sab lil ħadd li kien qiegħed jagħmel xogħlijiet fit-triq, iżda biss munzell terrapien li huwa baqa' dieħel fih. Qalet li l-atturi, sabiex jistabbilixxu min kien responsabbli għall-munzell li tħalla f'nofs it-triq, ħarrku bħala xhieda lil rappreżentant ta' Transport Malta, lil rappreżentant tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar, u lil rappreżentant tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Qalet li r-rappreżentant ta' Transport Malta xehed li s-soċjetà appellanta kellha permess għal xogħlijiet fi Triq San Leonardo, għall-perijodu bejn il-5 ta' Frar, 2010 u l-1 ta' Marzu, 2010. Qalet li ladarba dan l-inċident seħħ fil-15 ta' Marzu, 2009, l-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet li rreferiet għalihom Transport Malta, ma kellhomx

x'jaqsmu mal-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, u dan għaliex l-inċident in kwistjoni kien seħħ kważi sena qabel li s-soċjetà appellanti għamlet dawn ix-xogħlijiet. Żiedet tgħid li r-rappreżentant tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar eskluda kategorikament li s-soċjetà appellanta kellha xi permess biex tagħmel xi xogħol f'din it-triq fid-data mertu tal-inċident. Is-soċjetà appellanta qalet ukoll li r-rappreżentant tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma xehed li x-xogħol li kien qiegħed isir mis-soċjetà appellanta, kien qiegħed isir taħt il-livell tat-triq, u għalhekk għalkemm fid-data tal-inċident is-soċjetà appellanta kienet qiegħda tagħmel xi xogħlijiet fl-inħawi, dawn kienu qegħdin isiru taħt u mhux fit-triq, u ma nġabet l-ebda prova li dawn ix-xogħlijiet kellhom x'jaqsmu mal-munzell terrapien li s-sewwieq in kwistjoni sab fit-triq innifisha. Is-soċjetà appellanta qalet li apparti dawn it-tliet xhieda, l-appellati ma ġabu l-ebda provi oħra sabiex jiġi stabbilit min kien li ħalla dak il-munzell terrapien fit-triq. Qalet li f'din is-sitwazzjoni, l-atturi kellhom almenu jitolbu d-depożizzjoni ta' rappreżentanti tagħha, iżda li għal xi raġuni huma naqsu milli jagħmlu dan.

8. Is-soċjetà appellanta qalet li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta qieset li ma jirriżultax li apparti s-soċjetà konvenuta, kien hemm xi terzi li kienu qegħdin jagħmlu xi xogħol fit-triq in kwistjoni, għaliex fid-data tal-inċident in kwistjoni, lanqas is-soċjetà appellanta ma kienet qiegħda tagħmel xogħol fl-imsemmija triq, iżda taħt il-livell tat-triq. Qalet ukoll li jeżistu diversi ipotesijiet dwar kif dan il-munzell trab seta' tħalla fit-triq, u qalet li dan seta' waqa' minn fuq xi vettura jew seta' tħalla bi traskuraġni minn ħaddieħor. Is-soċjetà appellanta qalet li l-prinċipju *onus probandi incubit ei qui dicit non ei qui nnegat,* ma japplikax biss għall-parti attriċi iżda anki għall-parti konvenuta, u żiedet tgħid li hija ma kellha l-ebda oneru tispjega li hija ma wettqitx xogħlijiet fit-triq, għaliex ix-xhud

prodott mill-appellati ddikjara li x-xogħol sar taħt it-triq u mhux fit-triq. Qalet li semmai kienu l-appellati li kellhom jippruvaw li b'xi mod, ix-xogħlijiet li saru taħt il-livell tat-triq mill-appellanta ħallew bħala riżultat tagħhom il-munzell fit-triq li sab l-attur Anthony Lia.

**<u>Ir-Risposta ta' Transport Malta</u>**

9. Il-konvenuta Awtorità Transport Malta wieġbet li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija ekwa u ġusta u timmerita konferma, u t-talbiet tas-soċjetà appellanta huma infondati fil-fatt u fid-dritt. Spjegat li fil-kamp ċivili huwa prinċipju assodat li qorti ta' reviżjoni ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Ewwel Qorti, u li huwa biss fejn il-qorti ta' reviżjoni tkun sodisfatta li tkun saret inġustizzja manifesta, li din tiddisturba l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Ewwel Qorti.

**<u>Ir-Risposta tas-soċjetà appellata</u>**

10. Is-soċjetà appellata wieġbet li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti hija ġusta u timmerita konferma. Qalet li l-aggravju tal-appellanta huwa li l-appellati ma ġabux biżżejjed provi sabiex jiġi stabbilit li kienu impjegati tas-soċjetà appellanta li ħallew it-terrapien fit-triq, liema terrapien wassal għall-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri. Is-soċjetà appellata qalet li tul il-kors tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti, l-appellanta ma ġabet l-ebda prova li l-munzell in mertu tħalla jew ma tħalliex minnha, u dan għaliex tali prova ma teżistix. Qalet li l-provi kollha miġjuba in mertu, juru li l-munzell in kwistjoni tħalla proprju minn impjegati tas-soċjetà appellanta. Qalet ukoll li l-munzell terrapien ġie kkreat

minħabba li impjegati tas-soċjetà appellanta l-ewwel ħaffru toqba qabel waslu fejn kellhom jaslu, u kien dan li kkawża t-terrapien. Is-soċjetà appellata qalet li l-preżunzjonijiet l-oħra li għamlet is-soċjetà appellanta jammontaw għal preżunzjonijiet inaċċettabbli u bla bażi, u l-prinċipju fil-kamp tal-provi huwa li kull parti għandha ġġib il-prova li trid hi. Qalet li jekk l-appellanta riedet li jixhdu rappreżentanti tagħha, din kellha kull dritt li tipproduċi tali xhieda hi. Qalet ukoll li huwa prinċipju assodat li qorti ta' reviżjoni ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Ewwel Qorti.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

11. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju mressaq mis-soċjetà appellanta, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti, u tas-sottomissjonijiet li saru mill-appellati.

*L-Aggravju:* *[L-Ewwel Qorti għamlet valutazzjoni skorretta kemm dwar l-oneru tal-prova, kif ukoll dwar il-provi prodotti]*

12. Is-soċjetà appellanta tgħid li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament skorrett tal-provi li kellha quddiemha, u dan għaliex fil-fehma tagħha ma kienx hemm provi suffiċjenti li juru li kienu impjegati tagħha li ħallew il-munzell terrapien in kwistjoni fit-triq fejn seħħ l-inċident. Tgħid li dan it-terrapien seta' tħalla minn diversi persuni, u ppreżentat diversi ipotesijiet dwar kif dan il-munzell terrapien seta' sab ruħhu fit-triq. Tgħid ukoll li ma ġie stabbilit l-ebda ness bejn l-event dannuż u l-aġir tal-impjegati tagħha, u għalhekk ma setax jiġi

stabbilit b'ċertezza li hija responsabbli għall-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri.

13. Il-Qorti tqis li jirriżulta mill-provi li l-unika kumpannija jew entità li kienet qiegħda tagħmel xogħol fi Triq Leonardu, Ħaż-Żabbar, dakinhar li seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, kienet proprju s-soċjetà appellanta. L-appellanta tgħid li x-xogħol li kien qiegħed isir minnha, kien qiegħed isir taħt il-livell tat-triq. Iżda anki hawnhekk, mhuwiex diffiċli li wieħed jistabbilixxi kif waqt li kienu qegħdin isiru xogħlijiet taħt il-livell tat-triq, munzell terrapien spiċċa tħalla f'nofs it-triq. Huwa minn ewl id-dinja li fin-nuqqas ta' mina lesta mħaffra taħt il-livell tat-triq, sabiex impjegati tas-soċjetà appellanta setgħu jagħmlu xogħol taħt il-livell tat-triq, dawn kellhom iħaffru, u dan it-tħaffir ipproduċa ammont ta' terrapien. M'hemm l-ebda spjega loġika oħra li twassal għal stampa verosimili tal-mod kif seħħ l-inċident. Din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti u fil-mod kif din waslet għan-ness bejn l-aġir traskurat ta' impjegati tas-soċjetà appellanta, li lanqas ma ħallew xi forma ta' ilqugħ protettiv jew xi forma ta' sinjali fil-post fejn kienu qegħdin isiru x-xogħlijiet, u għalhekk abbażi tal-preponderanza tal-provi, hija moralment konvinta li s-soċjetà appellanta għandha twieġeb għad-danni sofferti mill-appellati. Kien jinkombi fuq is-soċjetà appellanta li tressaq provi li juru li hija ma kellha x'taqsam xejn mal-inċident, u li għalhekk hija m'għandha l-ebda responsabbilità x'iġġorr, u li m'hemm l-ebda danni li hija għandha tintalab tagħmel tajjeb għalihom. Tali provi ma nġabux, u minflok ressqet dan l-aggravju li permezz tiegħu l-appellanta qiegħda tittenta tixħet dubju fuq l-evalwazzjoni tal-provi li għamlet l-Ewwel Qorti. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, tqis li l-aggravju sollevat mis-soċjetà appellanta mhuwiex ġustifikat u sejra tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar l-appell odjern billi tiċħdu, u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell fiż-żewġ istanzi, għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**